Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.safilc.gov.mt

# Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi
## Id-Disgħa Leġiżlatura
## Laqgħa Numru 1/2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-6:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Uffiċċjal Preżenti:
Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

### 1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apologijia

### 1.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

1.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 12.1.3 (*solar poles* tal-Public Works) issa t-*temporary poles* kienu twaħħlu fi Ġnien Dun Karm Vella. Huwa spjega li dawn il-poles kienu twaħħlu temporarjament sakemm issir ir-refurbishment tal-Ġnien.

1.1.2 Is-Sindku qal li kellu update rigward ref punt 12.1.6 (Kuntratt Artificial Turf 5-A Side) Huwa spjega li ghal dan il-kuntratt kien daħal appell, u li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu telgħu quddiem il-Bord tal-PCRB. Is-Sindku qal li d-deċiżjoni tal-Bord kienet li t-tender għandu jerġa' jiġi evalwat mill-ġdid minn bord indipendenti li fosthom ikun hemm wieħed tekniku fuq l-*artificial turf*.

1.1.3 Is-Sindku spjega li ref punt 12.2.3 (*Eco Active Citizens for a Sustainable Europe*) għal dan il-proġett kien hemm sitt avvenimenti li kienu ser isiru kif ġej:

1. Il-Portugal bejn 25 – 28 ta' Frar 2026
2. Spanja bejn t-28 ta' Frar u 4 ta' Marzu 2026
3. Fort de France bejn il-5 u 9 ta' Mejju 2026
4. Treviso bejn it-28 ta' Settembru u l ta' Ottubru 2026
5. Malta bejn il-15-18 ta' Diċembru 2026
6. L-Ungerija bejn 19-22 ta' Frar 2027

Is-Sindku spjega li l-ewwel żewġ attivitajiet kienu ġew abbinati flimkien peress li ma hemmx wiżq bogħod u li din kien ser jattendi ghaliha l-Viċi Sindku.Is-Sindku kompla jispjega li peress li din kienet fuq medda ta' 8 ijiem kien qed jissuġġerixxi li l-Viċi Sindku jkollu allokat bagalja ta' 20 kilos ukoll spejjeż għall-Kunsill għaliex kien jinħtieġ li jtellgħa' diversi rigali. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal ukoll li għall-konferenza li se ssir Fort de France, l-organiżżaturi se jagħtuna l-ammont ta' 500 euro għall-vjaġġ tal-ajru. Is-Sindku qal li l-vjaġġ bl-ajru għall-Fort de France se jkun ferm għola minn 500 euro minħabba li din il-gżira tinsab viċin il-Karibew u trid taqsam l-Atlantiku. Għalhekk huwa ssuġġerrixxa li l-Kunsill għandu joħroġ id-differenza tal-prezz tal-vjaġġ bl-ajru. Rigward ikel u akkomodazzjoni se jkunu kollha koperti mill-proġett innifsu. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 12.1.7 (il-bin wara d-dar tal-Kappillan) il-bin kien twaħħal.

1.1.5 Is-Sindku kkonferma li ref punt 12.2.10 (CCTV fil-pjazza) sa issa ma kinitx qed taħdem u li jekk jaqbel il-Kunsill navżaw lill-LESA biex tibda taħdem fil-bidu tax-xahar ta' Frar. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 12.2.11 (camera għal Triq San Ġorġ u Triq in-Nassaba) issa l-Kunsill kien xtara s-*sim card* u issa l-Kunsill kien qed jistenna li teħel mill-Kuntrattur.

1.1.6 Is-Sindku qal li ref punt 12.3.3 (*bust* ta' Dun Karm Vella) preżenta sett ta' linji ta' gwida dwar talbiet għal bust. Huwa għadda koppja lill-Kunsillieri kollha biex jarawhom u jiġu diskussi aktar 'il quddiem.

1.1.7 Is-Sindku qal li ref punt 12.7 (Applikazzjoni P.C. 62/2020) l-oġġezzjoni kienet intefgħet b'mod konġunt mal-Kunsill taż-Żurrieq u issa naraw xi jkun l-eżitu.

1.1.8 Il-Kunsillliera Joanna Abdilla staqsiet rigward il-mizata rigward it-totems li ser isiru minħabba l-hwienet. Is-Sindku spjega li intalab ammont żgħir ta' €10 fis-sena għal kull sit li ma kienetx xi spiża kbira, u b'hekk is-sidien tal-ħwienet jagħżlu biss dawk is-siti li verament għandhom bżonn.

**1.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

1.2.1 Is-Sindku fakkar li nhar il-Ġimgħa 6 ta' Frar, 2026 kien ser ikun hemm il-*get together* organizzat mir-Reġjun Punent għal min xtaq jattendi.

1.2.2 Is-Sindku qal li min naha ta' *Foundation of New Generation* kienet ser issir touring exhibition fi tliet lokalitajiet u f'Ħal Safi kienu talbu li ssir nhar il-Ħadd 1 ta' Frar u li kienu ser jużaw il-pjazzetta ta' Santa Marija. Il-Kunsill qabel.

1.2.3 Is-Sindku qal li dik il-ġimgħa kienet saret *site visit* fiċ-Ċentru Parrokkjali fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia, u ta spjega x-xogħolijiet li kienu saru mid-Dipartiment għax-Xogħolijiet Pubbliċi.

1.2.4 Is-Sindku qal li rċivejna email mill-SCH fejn infurmawna li kienu għamlu agreement mal-MTA u l-Università ta' Malta biex jiġu identifikati l-bini storiku li hawn taħt l-art bħal xelters sabiex isir scanning tagħhom. Is-Sindku ssuġġerixxa li nidentifikaw ix-xelter li għandna taħt il-pjazza kif ukoll nistaqsuhom jekk hemm xi funds minn naha tal-MTA forsi nkunu nistgħu nagħmlu t-tindif tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel.

1.2.5

1.2.6 Is-Sindku qal li nhar is-Sibt 21 ta' Frar kull min kien ta' għajnuna f'Festa Familja kien ser jingħata ċertifikat. Iċ-ċelebrazzjoni għal din l-attività ser issir nhar is-Sibt 21 ta' Frar, 2026 fis-sala tal-kunsill.

1.2.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu ħtiega li nixtru numru ta' cabinets għal storage biex nerfgħu l-box files. Il-Kunsill qabel.

1.2.8 Is-Sindku qal li kien qed jissuġġerixxi li s-Sur Alfred Polidano u s-Sur Joe Camilleri jixirqilhom li jingħataw rikonoxximent għaliex iddistingwew ruħhom fix-xogħolijiet tal-proġett tal-Imsida Crete. Il-Kunsill qabel li f'Jum Ħal Safi ta' din is-sena dawn il-persuni jingħataw rikonoxximent.

1.2.9 Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri sabiex l-Erbgha 21 ta' Jannar, 2026 kellhom jiltaqgħu sabiex issir l-evalwazzjoni għal kuntratt tal-pannelli solari.

1.2.10 Is-Sindku qal li xi persuni kienu ssuġġerixxewlu li ssir mera fi Triq Dun Ġużepp Caruana sabiex ikun hemm indikazzjoni ta' min ikun ġej minn Triq l-Iskola. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma' din il-mera.

1.2.11 Is-Sindku qal li *ż-żebra crossing fis-service road* jekk ikun hemm karozza pparkjata tkun mgħottija u hija perikoluża. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nibgħatu l-ilment lil *Transport Malta* u imbagħad inħallu f'idejhom.

1.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

1.3.1 Il-Viċi Sindku Francis Callus qal li tal-Paradise kellhom bżonn it-tabella għal *un/loading*. Is-Sindku qal li l-ħwienet setgħu japplikaw għal *loading u unloading* billi jimlew applikazzjoni mill-Kunsill li imbaghad tmur għand *Transport Malta għall-approvazzjoni*.

1.3.2 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet kif tispiċċa *s-service road* ta' Triq il-Kuċċard peress li issa Triq Dun Karm Lia ġiet *two ways* ġiet perikoluża biex taqsam biex toħroġ għal triq il-Kuċċard. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir mera.

1.3.3 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla fakkret li minħabba t-tiġrija ta' Agones il-Kunsill kellu jibgħat in-*No Objection*.

1.3.4 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla fakkret li l-bank tad-demm kellu jżur Ħal Safi nhar il-Ħadd 22 ta' Frar, 2026.

1.3.5 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li Triq Dun Karm Lia hemm xi qasab jekk nistgħu naqtgħuh.

1.3.6 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li fi Triq Xandru Farrugia qed isir parkeġġ fil-kantuniera bil-konsegwenza li hekk kif iduru l-karozza isibuha ma wiċċhom. Is-Sindku qal li anke lilu wasallu dan l-ilment pero' ma kienx qed jaqbel u spjega x'jiġri meta tkun kantuniera forma ta' skorfina.

1.3.7 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li daqt il-festa ta' San Pawl tal-Belt sabiex norganizzaw it-trasport fit-8 ta' Frar 2026. Il-Kunsill qabel.

1.3.8 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li qed ikun hawn mobile unit idur l-irhula u min ikun interessat jiċċekjawlu l-presjoni u d-demm, fost l-oħrajn. Huwa ta d-dettalji tal-persuna nkarigata biex nagħmlu kuntatt miegħu.

1.3.9 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li fl-isqaq ta' wara l-knisja fuq wara tiegħu tela' ħafna ħaxix forsi nkunu nistgħu nneħħuh.

1.3.10 Il-Kunsillier Kurt Debono staqsa fhiex kienu waslu f'Misraħ Ħlantun. Is-Sindku kkonferma li l-Enemalta kienu bdew bil-cables pero' kien għad fadal ix-xogħol.

1.3 Approvazzjoni Grawnd Attendant Ġdid

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ħarġet avviż sabiex naraw min hu nteressat jibda jiftaħ u jagħlaq il-grawnd tal-futbol. Hija kompliet tgħid li persuna waħda uriet interess. Il-Kunsill iddiskusta u qabel li ngħidulu x'jinvolvi x-xogħol u jkun jista' jibda.

1.4 Karnival 2026

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għal din l-inizjattiva l-Kunsill kien ser jibbenfika mis-somma ta' €5,000 u peress li ma kienx hemm ħafna żmien għal jiem tal-Karnival kienet talbet lis-Sur Alexander Calleja Zammit jgħinha fil-preparamenti u li hu kien qed jaċċetta senza nteressi. Hija tat d-detallji li kellha sa issa ta' kif kienet ippjanata ssir l-attivita'.

1.5 Korrispondenza

Is-Sindku ressaq ittra ffirmata mill-membri tal-kumitat tal-Każin Banda San Pawl rigward il-proġett tal-pjazza fejn fiha qalu li mhumiex qed jaqblu mal-proġett tal-pjazza minħabba, fost affarijiet oħra, li se jkun qed jitnaqqas il-parkeġġ. Is-Sindku spjega li bid-disinn il-ġdid li kienu ppreżentaw il-periti kienu ndirizzaw il-preokkupazzjonijiet kollha li kien qajjem il-Kazin waqt il-laqgħa fir-rigward tal-armar tal-festa. Huwa kompla jgħid li l-laqgħat ta'

konsultazzjoni mal-Każin kienu saru sabiex ma jkunx hemm diffikultajiet minhabba l-armar tal-festa, u mhux biex niddiskutu rigward il-parkeġġ.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġa' ħa deċiżjoni unanima li għandu jwettaq il-proġett tal-pjazza u tali deċiżjoni ilha li ttieħdet mill-leġiżlatura preċedenti u anke matul il-leġiżlatura preżenti. Fakkar ukoll li l-proġett tal-pjazza kien inkluż fil-manifest elettorali li ntagħżel mill-maġġoranza tar-residenti waqt l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali, u għalhekk il-Kunsill għandu mandat ċar sabiex iwettaq dan il-proġett.

Il-Kunsill ilu jaħdem u jiddiskuti fuq dan il-proġett għal diversi snin, u jkun ta' għajb kbir jekk il-Kunsill jieqaf hawn wara x-xogħol kollu li sar fuq dan il-proġett. Huwa talab li jekk xi ħadd mill-Kunsillieri ma kienx jaqbel li l-Kunsill ikompli bil-proġett ta' tisbiħ tal-pjazza, kellu jitkellem issa waqt il-laqgħa. Pero' fakkarhom li kulħadd irid jerfa' r-responsabilita' tad-deċiżjonijiet li jittieħdu, u qallhom li jekk ma jsirx il-proġett xorta waħda jridu jitħallsu ċertu spejjeż tax-xogħol li wettqu l-periti s'issa u li allura f'dak il-każ dawn se jkunu flus mormija. Fakkar ukoll li l-Kunsill diġa' għandu ftehim iffirmat ma' Infrastruttura Malta u ftehim ieħor iffirmat mal-perit tal-Kunsill rigward dan il-proġett.

Il-Kunsill iddiskuta, pero' ħadd mill-Kunsilliera ma talab biex il-Kunsill jieqaf milli jkompli b'dan il-proġett tal-pjazza.

1.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament. Il-Kunsill ikkonferma li l-pagamenti kollha relatati mal-proġett tal-Bandli numru SPI/SCI/1/2022 – *Finanzjament għall-iżvilupp fil-kundizzjonijiet tal-Playing fields fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex* issa kienu tħallsu kif ukoll il-Progett ta' Finanzjament ta' Progetti Kapitali Accessibilita' u Mobilita' SPI/SCI/3/2020.

1.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-8.39pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 23 ta' Frar, 2026 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |